# Il-Festa tas-Salib fil-Bażilika Elenjana (1900-2000)

Winston L. Zammit B.A.(Hons) P.G.C.E. M.A.

Il-festa tas-Salib tat-3 ta' Mejju għandha l-għeruq tagħha fis-Sodalità ta' l-Agunija li twaqqfet fil-Knisja l-Qadima fil-25 ta' Ġunju tal-1676. Din is-sodalità kienet tiċċelebra ż-żewġ festi marbutin mas-Salib Imqaddes, dik tas-Sejba fit-3 ta' Mejju u dik ta' l-Eżaltazzjoni fl-14 ta' Settembru. Waqt il-Viżta Pastorali tal-1736, l-Isqof Alpheran ta ordnijiet kif kellha tiġi ċċelebrata din il-festa, u fis-snin ta' wara nsibu li ngħatat importanza anki lill-festa esterna.[1] Dokument ta' l-1804 isemmi li kienet issir purċissjoni fil-parroċċa ta' Birkirkara fil-festa tas-Salib.[2]

## Fis-Seklu XX

It-tagħrif dwar din il-festa fil-gazzetti lokali huwa tassew skars. Fl-1903 il-festa kellha tiġi ċċelebrata l-Ħadd 2 u t-Tnejn 3 ta' Mejju. Skond gazzetta lokali, fil-jumejn tal-festa kellu jkun hemm luminazzjoni ġenerali, logħob tan-nar u baned. Il-Banda Duke of Connaught's Own kellha tagħmel żewġ programmi, wieħed is-Sibt u l-ieħor il-Ħadd.[3] Dan juri li l-festa kienet issir b'ċerta solennità

L-ewwel kronaka ta' din il-festa fis-seklu XX hija tas-sena 1907. Gazzetta lokali tgħidilna li:

Il-festa tas-Salib ma saritx bis-solennità tas-soltu minħabba x-xogħol tal-pittura. Il-paniġierku sar mill-Kan Vincenzo Vella ta' l-Imdina u dam siegħa u kwart. Wara ħarġet il-purċissjoni bil-vara ta' Santa Liena.

Minn dan it-tagħrif noħorġu żewġ konklużjonijiet: (i) li kif għedna qabel il-festa kienet issir b'ċerta solennità; (ii) li żgur fl-1907, saret il-purċissjoni bil-vara ta' Santa Liena u billi l-gazzetta ma tgħidx li l-purċissjoni bil-vara saret għall-ewwel darba, wieħed jista' jiġbed konklużjoni li din kienet ilha xi

---

1 Borg v. Il-Qima lejn is-Salib f'Malta u f'Birkirkara, fil-ktieb programm Festi Ċinkwantenarji ta' Sant'Elena, Birkirkara – 328-1978; pp. 15-17.

2 A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili) Suppliche 1786 -1808, vol 11, f. 702 R.

3 Malta Tagħna, 2.V.1903.

żmien issir.[4] Wara l-festa tal-1907, ma nsibux tagħrif qabel l-1924, meta nsibu li kien sar l-għasar bil-mużika u paniġierku.[5] Wara saret il-purċissjoni li fiha ħadu sehem ħafna fratelli u l-Kapitlu.[6] Prokuratur kien il-Kan. G. Batt. Casha.[7]

### 1937 – 1949

Fi żmien[8] il-kwistjoni tal-privileġġi, kienet issir biss purċissjoni bir-relikwija tas-Salib Imqaddes. Iżda nhar il-festa tas-Salib 1949, iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu s-saċerdot novell Dun Manwel Ghigo, u fil-quddiesa ppriedkalu r-Rettur tas-Seminarju, Mons. Ġiovanni Mifsud.[9]

### Il-Festa tal-1950

Il-festa tas-Salib ta' din is-sena kienet waħda speċjali għax reġgħet saret b'ċerta solennità wara 14-il sena. F'April ta' l-1950 intemmet b'wiċċ il-ġid il-kwistjoni tal-privileġġi li kienet ilha tkarkar mill-1936. Fost affarijiet oħra, il-Kolleġġjata Elenjana ġiet elevata għad-dinjità ta' Bażilka.[10] Kien żmien ta' ferħ kbir u l-poplu li kien imxennaq għall-festi ried jiċċelebra bil-kbir il-Festa tas-Salib. Il-knisja żżejnet għall-festa. Nhar Santu Kruċ fil-għodu: fid-9.00 a.m., il-Prepostu-Arċipriet akkumpanjat mill-Kapitlu u l-Kleru telqu mid-dar sal-Bażilika fost l-applawżi tal-poplu, biex jagħmel għall-ewwel darba l-Quddiesa Solenni Prepositali.[11] Mad-dħul tal-Prepostu fil-knisja, l-orkestra tas-Surmast G. Camilleri daqqet l-antifona Tu Es Sacerdos. Wara li tkantat it-Terza mill-Kapitlu, saret il-quddiesa Solenni

4 Ibid. 11.V.1907.
5 Ibid. 10.V.1924. f'din is-sena l-paniġierku kien reġa' sar mill-Kanonku DunVincenz Vella.
6 Ibid. 10.V.1924.
7 Dun Patist Casha kien Kanonku tal-Kolleġġjata bejn l-1905 u l-1936 (ara d-data taħt l-arma tiegħu fl-Awla Kapitulari). Minn dokument miżmum fil- Kurja, nafu li kien prokuratur tal-Cassa Agonia ( ara A.K.A., manuskritt bl-isem ta' Sacerdotum Omnium qui Dei Maiorem Gloriae Animarumque Saluti Ep. Mauri Caruana O.S.B.in Diocesi Melitensi dant operam p.60. Dan juri li l-prokuratur ta' l-Agunija kien responsabbli għal din il-festa.
8 Tagħrif mogħti lili mill-Kan. Dun Ġużepp Grech Cremona.
9 Ibid. Dakinhar fil-għaxija (3 ta' Mejju) sar l-għasar tal-Patroċinju ta' San Ġużepp, billi l-għada (4 ta' Mejju), ħabtet din il-festa.
10 Leħen is-Sewwa 26.IV.1950. Kien il-Ħadd 23 ta' april 1950 li l-Prepostu Dun Manwel Vella qara lill-Kapitlu digriet tas-Santa Sede dwar il-privileġġi mogħtija lill-Kapitlu Elenjan
11 Leħen is-Sewwa 29.IV.1950 Dik li tissejjaħ il-Quddiesa Prepositali kienet ilha ma ssir mill-1936

Prepositali bil-mużika tas-Surmast Camilleri. Qaddes il-Prepostu Em. Vella assistit mill-Kan. Dun Ġużepp Sammut Alessi bħala Djaknu u mill-Kan. Dun Karm Pirotta bħala Suddjaknu, u mill-Kan. Dekan Dun Ġużepp Micallef bħala Presbyter Assistens.

Wara nofs inhar fl-4.00 p.m. saru s-Sekondi Vespri bl-orkestra, mir-Revmu. Kapitlu, u wara paniġierku minn Patri Salv Portelli O.S.A. Imbagħad bdiet ħierġa l-purċissjoni bil-vara ta' Santa Liena, l-ewwel waħda wara 14-il sena. Fil-purċissjoni ħadu sehem il-fratellanzi, il-patrijiet Kapuċċini u Konventwali, il-kleru u l-Kapitlu. Il-purċissjoni tmexxiet mill-Prepostu li kien assistit minn żewġ kanonċi. X'ħin tfaċċat il-vara saret dimostrazzjoni kbira. Matul il-purċissjoni daqqew iż-żewġ baned Karkariżi u fuq il-vara kien hemm kontinwament is-*searchlights*. Il-purċissjoni m'għaddietx mir-rotta tas-soltu għax baqgħet nieżla sa Fuq il-pont, kisret għall-Wied u daret lura minn ħdejn il-knisja ta' San Pawl. Kif daħlet il-purċissjoni ndaqqet il-Vexilla Regis u ngħatat il-barka bil-Veru Linju.

Imbagħad wasal Mons. Arċisqof Gonzi li ntlaqa' mill-Kapitlu u l-kleru, ta l-Barka Sagramentali u wara n-Nutar Ġużi Gatt, President tas-Soċjetà Dun Filippu Borgia, ipprezentalu rigal b'tifkira ta' l-okkażjoni. Wara Mons. Arċisqof għamel diskors li fih wera s-soddisfazzjon tiegħu li s-Sena Mqaddsa (kif ħabtet dik is-sena) kienet ġabet il-paċi u l-kuntentizza f'Birkirkara. Imbagħad wara trattament fl-Awla Kapitulari, ħareġ mill-Bażilka, rikeb f'karozzella flimkien mal-Prepostu Em. Vella, il-Kan. Dun Vincenz Saliba u n-Nutar Ġużi Gatt u twasslu b'dimostrazzjoni kbira sat-tarf ta' Birkirkara.[12]

**Il-Festa Tas-Salib (1951-1964)**

Fis-sena ta' wara (1951) fit-3 ta' Mejju ħabtet il-festa ta' Lapsi. Għalhekk Santu Kruċ kien trasferit għall-għada.[13] Fl-1956, nhar il-festa tas-Salib, iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni s-saċerdot novell Dun Karm Aquilina, li fil-għaixja mexxa l-purċissjoni bil-Veru Linju u l-vara ta' Santa Liena. Din id-drawwa tkompliet fis-snin ta' wara sal-1959.[14] Fl-1964, minħabba r-

12 Ibid.

13 Tagħrif mogħti lili mill-Kan. Dun Ġużepp Grech Cremona. F'din l-okkażjoni, lejlet il-festa t-Transulazzjoni saret bl-aħmar, iżda l-Għasar Solenni sar bl-abjad.

14 Tagħrif mogħti lill-awtur mill-Kan. Dun Karm Aquilina fit-23.VIII.1992. Din id-drawwa tkompliet fis-snin ta' wara minn dawn is-saċerdoti: Dun Ġużepp Theuma (1957); Dun Karm Bianco (1958); Dun Karm Cassar (1959).

referendum ta' l-Indipendenza li kien sar fil-bidu ta' Mejju, il-festa kienet ġiet ittrasferita għall-Ħadd ta' wara, l-10 ta' Mejju.[15]

## Il-Festa tas-Salib (1965 – 1971)

Billi f'dawn is-snin kont nagħti s-servizzi tiegħi bħala wieħed mill-abbatini tal-Bażilika, niftakar sewwa kif kienet issir il-festa, li l-prokuratur tagħha kien il-Prepostu-Arċipriet Mons. Injazju Sciberras Psaila J.U.D.

Fl-okkażjoni ta' din il-festa fl-1966 u fl-1968 kien intrama d-damask tal-korsija, tal-kappelluni u tal-Kor. Iżda kemm fl-1967 u mill-1969 'il quddiem, bdew jintramaw biss bid-damask il-kappellun tal-Kurċifiss u l-pilastri u l-arkata fil-korsija fejn titqiegħed il-vara ta' Santa Liena. L-artal maġġur kien jintrama' bis-sett l-abjad u fjuretti, u fuq l-istess artal kien jintrama t-tużell l-aħmar, li kien sar bit-tħabrik tal-Kan. Penitenzier Dun Ġakbu Micallef.[16] Fuq l-artal maġġur kienet titqiegħed ġirandola artistika tal-fidda, rigal tal-Kan. Dekan Dun Ġużepp Micallef (1894-1965).[17] L-artali tal-ġnub kienu jintramaw bil-fjuretti u ventartali ħomor.[18]

Lejliet il-festa tas-Salib f'nofsinhar, il-festa kienet titħabbar b'erba' moti solenni, u l-istess kien isir fil-għaxija qabel it-Transulazzjoni solenni fil-ħamsa. It-Transulazzjoni kienet issir bħal-lum, mill-artal tal-Kurċifiss sa l-artal maġġur. Kienet titmexxa mill-Kanonku Ebdomadarju u fiha kienu jieħdu sehem l-abbatini u r-Revmu. Kapitlu. Wara l-antifona u l-oremus, il-Kanonku Ebdomadarju kien imexxi l-għasar solenni bil-vuċijiet mill-kor, u wara l-kanonċi kienu jkantaw il-kumpieta fit-tard fil-għaxija meta bil-qniepen kienet titħabbar il-festa ta' l-għada.

Nhar il-festa fil-għodu kien ikun hemm quddiesa solenni bil-vuċijiet, li kienet dejjem titqaddes minn wieħed mill-Kanonċi, bl-eċċezzjoni tas-snin 1967, 1968 u 1969. Nhar il-festa tas-Salib filgħodu ta' l-1967 kien għamel pontifical l-E.T. Mons. Redent Gauci O.C. Isqof Awżiljarju ta' Ida fil-Mawretanja u Isqof titulari

---

15 Tagħrif fil-pussessa ta' l-awtur. F'din is-sena l-purċissjoni tmexxiet mill-Kanonku Dun Ġużepp Zahra, Viċi-parroku.

16 L-imsemmi dun Ġakbu Micallef kien Kanonku Penitenzier mill-1948 sakemm miet fl-1969. Kien għal xi żmien prokuratur tal-Festa tas-Salib – Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.

17 Leħen is-Sewwa2.V.1953; Din il-ġirandola tal-fidda nħadmet mis-Sur Karm Mizzi ta' Birkirkara u żżanżnet fil-festa tas-Salib ta' l-1953. L-imsemmi Dekan Dun Ġużepp Micallef, kien il-Prokuratur tal-festa tas-Salib fl-1953.

18 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.

fil-Perù.[19] Għal din l-okkażjoni ntrama faldistorju għall-Isqof fuq il-presbiterju. Hu qaddes assistit mill-Kanonċi Dun Ġużepp Zahra u Dun Ġużepp Micallef, bħala Djaknu u Suddjaknu rispettivament, filwaqt li l-Prepostu Mons. Ign. Sciberras Psaila kien Presbyter Assistens bil-kappa.[20]

Fis-sena ta' wara, fil-għodu għamel Pontifikal l-Isqof Koadjutur Mons. Em. Ġerada, B.A. J.C.D.[21] Għal din l-okkażjoni ntrama t-tron ta' l-Isqof u Mons. Ġerada għamel Pontifikal li fih kien assistit minn ħames Kanonċi[22] filwaqt li l-Kanonku Kantur tah l-intonazzjoni tal-Glorja.[23] Fl-1969, nhar il-fesa tas-Salib filgħodu għamel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu, is-Saċerdot novell Dun Emmanuel Calleja, Malti Awstraljan, li ftit jiem qabel kien ġie ordnat bħala Saċerdot fil-Bażilka mill-Isqof Gerada.[24] Il-quddiesa solenni tal-festa tas-Salib, anke meta sar xi pontifikal, dejjem kienet tkun bil-vuċijiet.[25]

F'nofsinhar tal-festa kienu jindaqqu l-moti solenni u l-istess fil-għaxija qabel l-għasar, li dejjem kien jibda fil-5.00 p.m. Dan l-għasar solenni li dejjem kien jitmexxa mill-Kanonku Ebdomadarju, dejjem kien isir bil-mużika tas-Surmast Camilleri. L-isbaħ parti tiegħu kien l-innu Vexilla Regis Prodeunt li kont nistennih b'ħerqa kbira.[26] Wara l-għasar il-Kanonċi kienu jkantaw il-kumpieta u wara kien isir il-paniġierku, li fis-snin li kont abbati, sar minn dawn il-predikaturi:

1965 Dun Karm Aquilina Lic.D.

1966 Kan Vincenz Galea

1967 Dun Pawl Pace, Arċipriet taż-Żurrieq

1968 Patri Raymond Formosa O.P.

---

19 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur. Mons. Gauci kien ġie ordnat Isqof mill-Arċisqof Gonzi fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fit-20.IV.1967.

20 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.

21 Mons. Emmanuele Gerada J.C.D. kien ġie maħtur Isqof Awżiljarju fl-1967, u fl-1968 kien ġie maħdur Isqof Koadjutur.

22 Il-Kanonċi assistenti kienu: Mons. Prepostu Ign. Sciberras Psaila bħala Presbyter Assistens, il-Kanonċi Dekan Ġwann Calleja u Ġużeppi Zahra, assistenti mit-tron, u l-Kanonċi Vincenz Buhagiar u Carmelo Pirotta, Djaknu u Suddjaknu rispettivament. Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.

23 Il-Kanonku Kantur kien Dun Vincenz Ciappara.

24 Id-diskors f'din il-quddiesa kien sar mill-Prepostu, Mons. Ign. Sciberras Psaila. Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.

25 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.

26 Is-Sekondi Vespri bil-mużika tas-Surmast Camilleri saru għall-aħħar darba fl-1973. Mill-1975 'il quddiem, il-vespri bdew isiru dejjem bil-vuċijiet. Mill-1985, l-għasar beda jiġi reċitat fil-quddiesa solenni tal-festa fil-għaxija.

1969 Mons. Kan. Kap. Koad. Karm Xuereb

1970 Kan Kantur Dun Ġorġ Abela

1971 L-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi Ph. D. [27]

Malli jispiċċa l-paniġierku kienet tibda ħierġa l-purċissjoni, l-ewwel l-istendardi tal-fratellanzi, imbagħad l-istatwa ta' Santa Liena. Wara l-vara kienu jimxu t-tintinnablu u l-umbrellun, is-salib tal-kleru, l-abbatini u l-kleru, il-mazzier u r-Revmu. Kapitlu. Fl-aħħar kien jimxi ċ-ċelebrant assistit minn żewġ ministri, li kien iġorr il-Veru Linju.

Malli toħroġ l-istatwa, waħda mill-baned kienet iddoqq l-innu u wara tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier. Din il-purċissjoni, bejn l-1965 u l-1971 dejjem tmexxiet minn wieħed mill-kanonċi, minbarra fis-snin 1967, 1969, u 1971. Fl-1967 tmexxiet mill-Isqof Redent Gauci, fl-1969 mis-Saċerdot novell Dun Eman Calleja u fl-1971 mill-Isqof Nikol Cauchi.[28] Il-purċissjoni li kienet toħroġ għall-ħabta tas-7.00 p.m., kienet tidħol lura fil-Bażilka qrib it-8.30 p.m. X'ħin tidħol kienet tindaqq l-antifona ta' Santa Liena bil-mużika, u wara l-oremus kienu jingħataw żewġ barkiet, waħda bil-Veru Linju u l-oħra Sagramentali. F'din il-purċissjoni kienu dejjem jieħdu sehem il-kanonċi onorarji. Għall-okkażjoni kienu dejjem jintramaw xi bandalori fil-pjazza u festuni tad-dawl fir-rotta tal-purċissjoni.[29]

## Il-Festa fis-snin 70 u 80

Fil-festa tal-1972, il-banda minflok għamlet programm minn fuq il-planċier fil-pjazza waqt il-purċissjoni, akkumpanjat l-istatwa bid-daqq tal-marċi matul Triq il-Kbira sal-Pjazza.[30] Sentejn wara l-festa saret b'solennità kbira billi fiha kien ħa sehem Mons. Alberto Ottorini, Isqof ta' Norċia u Spoleto fl-Italja. Wara nofs inhar, Mons. Ottorini twassal sal-Bażilka miż-żewġ baned Karkariżi. Imbagħad mexxa Konċelebrazzjoni Solenni ma' xi membri tal-Kapitlu. Il-mużika kienet tas-Surmast Camilleri. Wara Mons Ottorini mexxa l-purċissjoni tal-festa.[31]

Fl-1977, minħabba xi dispożizzjonijiet mill-Awtoritajiet Ċivili, l-festa saret biss fil-knisja,[32]

---

27 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
28 Ibid.
29 Ibid.
30 Ibid. Aktar 'il quddiem il-banda bidet takkompanja l-purċissjoni matul ir- rotta kollha
31 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur. F'din l-okkażjoni l-paniġierku sar waqt il-Konċelebrazzjoni Pontifikali, mill-Kan. Dekan Dun A. Buontempo J.U.D.

iżda fis-snin ta' wara sa l-1987, il-festa bdiet issir dejjem f'xi Ħadd viċin it-3 ta' Mejju.[33] Fl-1983 fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa tar-Redenzjoni; il-festa saret il-Ħadd 24 ta' April u ġiet iċċelebrata b'solennità akbar. Bi tħejjija, t-Tnejn 18 ta' April, sar pellegrinaġġ bil-Veru Linju mis-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba sal-Bażilika. It-Tlieta 19 ta' April 19 ta' April, saret il-Via Sagra, filwaqt li l-Erbgħa 20, il-Ħamis 21 u l-Ġimgħa 22 kienu ġranet tat-Tridwu bil-priedka kuljum. Is-Sibt 23 ta' April fil-għaxija sari l-kanta tal-Vespri.[34]

Il-Ħadd 24 ta' April fil-għaxija, fis-6.00 p.m. sar l-Għasar Solenni li tmexxa mill-Kan. Arċipriet Dun Ġużepp Mifsud Bonnici, li wara mexxa Konċelebrazzjoni Solenni li fiha għamel l-omelija. Wara saret bħas-soltu l-purċissjoni tal-festa u f'din l-okkażjoni saret fjakkolata fuq il-bjut tad-djar fil-pjazza.[35]

Fis-sena ta' wara (1984) Mons. Karm Cassar, Kanonku tal-Katidral, fakkar il-25 anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali, permezz ta' quddiesa solenni nhar il-festa ta' Santu Kruċ fil-għaxija u wara mexxa l-purċissjoni bil-Veru Linju u bil-vara ta' Santa Elena.[36] Fl-1987, il-festa ta' Santu Kruċ ħabtet fit-3 ta' Mejju, iżda kienet iċċelebrata biss fil-knisja billi fi tmiem dik il-ġimgħa kellha ssir l-elezzjoni ġenerali.[37] Fis-sena ta' wara, (1988) il-festa reġgħet bdiet issir fit-3 ta' Mejju.[38]

## Il-Festa fis-snin Disgħin

Fis-snin disgħin seħħew żviluppi importanti f'din il-festa f'Birkirkara. L-ewwelnett fl-1993 nbidlet ir-rotta tal-purċissjoni. Sa l-1992 kienet tgħaddi mill-Pjazza lejn Triq S. Rokku, għal Triq l-Imsida, Triq il-Kbira u lura l-Pjazza. Ir-rotta l-ġdida mill-1993 saret mill-Pjazza lejn Triq il-Kbira, għal Triq Brared, Triq Ġanni Borg, Triq l-Isqof Labini, Triq Rigu, Triq il-Kbira u lura l-Pjazza.[39] Żvilupp ieħor importanti seħħ fl-1997 meta l-Kapitlu ddeċieda li l-festa ta' Santu Kruċ issir waħda mis-sitt festi Prepositali. B'hekk il-

32 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.

33 Dawn huma d-dati meta saret il-festa: 7 ta' Mejju 1978 ; 6 ta' Mejju 1979; 4 ta' Mejju 1980; 3 ta' Mejju 1981; 2 ta' Mejju 1982; 24 ta' April 1983; 6 ta' Mejju 1984; 5 ta' Mejju 1985; 4 ta' Mejju 1986.

34 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.

35 Ibid.

36 Ibid.

37 bid.

38 Ibid.

39 Ibid.



funzjonijiet u l-purċissjoni ta' din il-festa bdew jitmexxew mill-Prepostu. Qabel il-funzjonijiet ta' din il-festa kienu jitmexxew minn wieħed mill-kanonċi.[40]

Fis-snin disgħin, il-Quddiesa Solenni tal-festa ta' Santu Kruċ kompliet issir dejjem filgħaxija bħala konċelebrazzjoni li fiha saret ukoll dejjem l-omelija. Fl-1995 fl-okkażjoni tal-festa, għamel Pontifikal in-Nunzju Appostoliku Mons. Josè Sebastian Laboa, u miegħu kkonċelebraw membri tal-Kapitlu. Wara, n-Nunzju Appostoliku assistit mill-Prepostu-Arċipriet Dun Anton Vella u mid-Dekan Anton Mallia Borg, mexxa l-purċissjoni tal-festa bil-Veru Linju taħt baldakkin aħmar.[41] Fis-sena ta' wara l-1996, il-purċissjoni saret biss bil-Veru Linju, billi l-vara ta' Santa Elena ma setgħetx tinħareġ billi kien qed jiġi ndurat il-pedestall tagħha.[42]

Nispiċċa dan it-tagħrif dwar il-festa tas-Salib f'Birkirkara b'nota dwar it-temp. Ħafna drabi jkun hemm ir-riħ u t-temp kiesaħ. Niftakar lui fl-1983, l-ajru kien imsaħħab u għamlet ukoll xi ftit xita. Iżda l-purċissjoni ħarġet. Madankollu fl-2004 kellna sorpriża. Għamlet sewwa x-xita wara nofs inhar u l-purċissjoni ma saritx.

40 Tagħrif mogħti lill-awtur mir-Rev. Kan. Dun Pawl Gauci fil-25.IV.1997.

41 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur. Il-baldakkin aħmar kien reġa' beda jintuża fil-festa tal-1994, wara li kien ilu diversi snin ma jintuża.

42 F'din l-okkażjoni waqt il-purċissjoni saret il-Via Sagra.